**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**ILLUM, 3 TA' DICEMBRU, 2020**

**Kawza Numru: 2**

**Rik. Gur. 842/2020 RGM**

**ESSEY Limited (C 77274) li qabel kien jisimha F & C Malta Ltd.**

**vs.**

1. **Kevin Zammit (K.I. Nru 305169M)**

2. **IAS Limited (C-12202)**

3. **Administration Investment Management Services Ltd. (C-19809)**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat tas-socjeta` Essey Limited** prezentat fit-22 ta' Settembru, 2020 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti (dak iż-żmien kien jisimha F & C Malta Limited) kienet iffirmat Commission Agreement mal-intimati datat 10 ta' Jannar, 2018 relattiv ghall-arja ossija *airspace* tal-appartametni numri 17 u 18, Bellavista Court B, Bellavista, San Gwann – kopja hawn annessa bhala Dok. 'A'.

2. Illi s-soċjeta' rikorrenti eżegwiet is-servizzi tagħha lill-intimati in konnessjoni mal-imsemmija proprjeta' u għandha tiehu minghand l-intimati solidalment bejniethom is-somma ta' hamsa u tletin elf u erba' mitt Ewro (€35,400) inkluż VAT rapprezentanti *agency fees* lilha dovuti in konnessjoni ma' tali servizzi minnha reżi relattivament ghall-proprjeta' mertu tal-Commission Agreement imsemmi, liema somma ilha lilha dovuta mill-25 ta' Settembru, 2018.

3. Illi minkejja illi l-intimati gew debitament interpellati sabiex jeffettwaw il-hlas minnhom dovut lis-socjeta' rikorrenti huma baqghu inadempjenti u għalhekk kellhA ssir din il-kawża.

4. Illi d-dejn li ghandhom l-intimati versu u fil-konfront tas-soċjjta' rikorrenti fis-somma ta' hamsa u tletin elf u erba' mitt Ewro (€35,400) inkluż VAT huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tas-socjeta' rikorrenti, l-intimati m'ghandhom ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi biex jilqgħu ghat-talbiet tas-socjeta' rikorrenti u dan kif konfermat ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata li qed tigi hawn annessa bhala Dok. 'B'.

5. Illi ghalhekk jikkonkorru l-elementi kollha mehtiega skond il-ligi sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh u skond proceduri specjali sommarji kif stabbiliti fil-ligi.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

(i) tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddecidi din il-kawza skond procedura specjali sommarja;

(ii) tiddikjara illi l-intimati huma flimkien u solidalment bejniethom veri, ċerti u likwidi debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta'

hamsa u tletin elf u erba’ mitt Ewro (€35,400) inkluż VAT rapprezentanti hlas dovut skond il-Commission Ageement anness bħala Dok. ’A’ u skond l-Istatement hawn anness bhala Dok. ’B’;

(iii) konsegwentement tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lis-socjeta’ rikorrenti l-imsemmija ta’ hamsa u tletin elf u erba’ mitt Ewro (€35,400) inkluż VAT għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 1147/2020 u tal-mandat ta’ inibizzjoni numru 1148/2020 u bl-imghax legali mill-25 ta’ Settembru, 2018 sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati flimkien u solidalment bejniethom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti gew debitament notifikati fid-19 ta' Ottubru 2020 izda hadd minnhom jew rapprezentant taghhom ma deher ghall-udjenza tat-18 ta' Novembru 2020.

Semghat ix-xhieda ta' Andrew Debono fl-imsemmija udjenza.

Rat l-atti.

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Mill-provi imressqa jirrizulta illi fl-10 ta' Jannar 2018 il-partijiet resqu fuq skrittura li permezz taghha il-konvenuti u s-socjeta' attrici ftehmu illi l-konvenuti kellhom ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' tletin elf ewro (€30,000) rapprezentanti 'service fee' in konnessjoni ma servizzi rezi sabiex is-socjeta' attrici introduciet xerrej lill-konvenuti fuq proprjeta' li kienu qed ibieghu 'and being effective in the conclusion of this transaction," oltre l-VAT.

Ix-xhud Debono ezebixxa kuntratt ta' bejgh u ta' appalt datat 25 ta' Settembru 2018. Is-socjeta attrici kellha tircevi il-hlas miftiehem fl-iskrittura tal-10 ta' Jannar 2018 peress li kienet strumentali sabiex isir il-kuntratt finali bejn dawk li dehru fuq il-kuntratt ippubblikat fil-25 ta' Settembru 2018.

Ikkunsidrat;

Mill-provi mressqa jirrizulta sodisfacentement illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont reklamat.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet attrici,

1. Tiddispensa mis-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi l-intimati huma flimkien u solidalment bejniethom debituri tas-socjeta' rikorrenti fis-somma ta' hamsa u tletin elf u erba' mitt Ewro (€35,400) inkluż VAT rapprezentanti hlas dovut skond il-Commission Ageement ta' bejn il-partijiet;

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex flimkien u solidalment bejniethom iħallsu lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' hamsa u tletin elf u erba' mitt Ewro (€35,400).

4. Bl-imghax legali mill-25 ta' Settembru, 2018 sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti in solidum bejniethom inkluz tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 1147/2020 u tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1148/2020.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
3 ta' Dicembru 2020

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**